# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Decizjoni Numru 2435**

Kaz Nru: 3249/ ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn

James Cahill

u

Renova Company Ltd.

illum: 15 ta' Settembru, 2016

*dwar : tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta.*

**CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt**

**Introduzzjoni, Dikjarazzjonijiet tal-Kaz u Fatti**

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Dr. Jacques Farrugia f'isem ir-rikorrent fid-9 ta' Gunju 2014.

Ir-rikorrent beda jahdem mas-socjeta' intimata fil-25 ta' Frar 2013, bhala mastrudaxxa, liema xoghol kien jikkonsisti f'xkatlar, tqattiegh u *spraying* tal-injam u diversi facendi ohra, inkluz konsenji ta' oggetti ghall-bejgh relatati ma' l-istess xoghol b'rata ta' paga ta' €5.50 fis-siegha. Ir-rikorrent kien fuq bazi ta' *part-time*.

Fis-sena 2014, madwar sena wara li r-rikorrent beda jahdem, is-socjeta' intimata impjegat lis-Sur Reno Debono fl-istess pozizzjoni tar-rikorrent. Fit-2 ta' Mejju 2014 is-socjeta' intimata temmet l-impjieg tar-rikorrent ghar-ragunijiet ta' *redundancy* izda l-imsemmi Debono li dahal jahdem mas-socjeta' intimata sena wara r-rikorrent baqa' fl-istess irwol ta' impjieg.

Ir-rikorrent tenna illi skont Artiklu 36(4) tal-kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, meta principal ikun behsiebu jtemm impjieg minhabba *redundancy,* hu ghandu jtemm l-impjieg ta' dik il-persuna li tkun giet impjegata l-ahhar fil-klassi tal-impjieg milquta minn dik ir-*redundancy*.

Ir-rikorrent tenna illi peress li l-imsemmi Debono, meta r-rikorrent gie mkecci minhabba *redundancy,* kien ghadu jahdem mas-socjeta' intimata, it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent saret b'mod abbuziv u illegali. Ir-rikorrent kien ukoll baghat ittra bonarja datata 5 ta' Mejju 2014 biex il-kwistjoni tigi risolta amikevalment, liema ittra s-socjeta' intimata injorat.

Ghaldaqstant ir-rikorrent qed jitlob li dan it-Tribunal jiddikjara u jiddeciedi li l-impjieg tar-rikorrent gie terminat b'mod ingust u bi vjolazzjoni tal-ligi u jillikwida kumpens xieraq pagabbli lir-rikorrent billi jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrent tali kumpens u kull ammont hekk likwidat taht dawk il-provvedimenti kollha li t-Tribunal jidhirlu xierqa skont il-ligi.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha, is-socjeta' intimata qalet li r-rikorrent beda jahdem mas-socjeta' fil-25 ta' Frar 2013 bhala *part-time* apprentist fuq xoghol ta' mastrudaxxa bl-ghan sakemm ir-rikorrent jitrawwem sew biex ikun promoss ghal mastrudaxxa. Dan biex ir-rikorrent ikun lest jiehu post il-prim mastrudaxxa li kien wasal biex jirtira u ghaldaqstant ir-rikorrent kien mitlub iqatta' kemm jista' jkun zmien jitghallem.

Is-socjeta' intimata kompliet tiddikjara li ghamlet l-almu kollu taghha biex ir-rikorrent ikun ghal qalbu fuq ix-xoghol u kellu certu beneficcji bhal hinijiet flessibbli, uzu ta' materjal u makkinarji ghal uzu personali, self ta' ghodda wara x-xoghol u l-uzu ta' vettura tas-socjeta' intimata fil-hin tal-mistrieh.

Illi wara ftit xhur is-socjeta' innotat li r-rikorrent kien qed inaqqas mill-entuzjazmu u l-interess. Ir-rikorrent kellu mpjieg iehor ma' Maxims Junior f'San Pawl il-Bahar u skont is-socjeta' intimata r-rikorrent ma bediex ilahhaq.

Is-socjeta' offriet lir-rikorrent li jeqleb *full-time*. Din l-offerta saret tliet darbiet izda dejjem giet irrifjutata. Lanqas rakkomandazzjoni mis-socjeta' intimata ma ried ir-rikorrent biex jissellef xi flus mill-bank.

Is-socjeta' intimata impjegat lis-Sur Reno Debono bhala *part-time labourer* fuq xoghol ta' xkatlar, tindif, u tqandil sabiex ir-rikorrent ikun jista' jikkoncentra fuq it-taghlim ta' mastrudaxxa.

Fil-frattemp, biex tibqa' kompetittiva u ma tfallix, is-socjeta' intimata giet kostretta tiehu decizjonijiet drastici dwar il-futur taghha. In-nuqqas ta' xoghol u ristrutturar mehtieg iwasslu biex jonqsu l-haddiema u s-socjeta' intimata kellha ttemm l-impjieg tar-rikorrent u ta' Reno Debono. Dawn gew moghtija n-*notice* skont il-ligi. Is-socjeta' intimata offriet ukoll ittra ta' rakkomandazzjoni u lir-rikorrent irrakkomandatu ghal xoghol f'ristorant partikolari. Is-socjeta' intimata ma setghetx tifhem ghaliex ir-rikorrenti pproceda kontra taghha ghax dejjem ittrattatu tajjeb. Is-socjeta' ghalqet id-dikjarazzjoni taghha billi sostniet li mxiet skont il-ligi u anke ppruvat issib impjieg alternattiv ghar-rikorrent u zgur

li t-terminazzjoni ma kinitx kapriccuza izda wahda gustifikata ghaliex is-socjeta' kienet ghaddeja minn sitwazzjoni finanzjarja ferm difficli.

**Provi**

F'dawn il-proceduri xehdu r-rikorrent u s-Sur Bjorn Zammit – *Manager* tas-socjeta' intimata, is-Sur Joseph Saliba – Ufficjal ETC, is-Sur Martin Schembri – ex-haddiem mas-socjeta' intimata u s-Sur Reno Debono – ex-haddiem mas-socjeta' intimata. Gew esebiti wkoll diversi dokumenti.

**Konsiderazzjonijiet u decizjoni**

It-Tribunal ghandu biex jikkunsidra jekk is-socjeta' intimata kinitx gusta u skont il-ligi meta tterminat l-impjieg tar-rikorrent ghal fini ta' *redundancy*.

Is-socjeta' intimata ddikjarat problemi finanzjarji serji u kienet kostretta twaqqaf l-impjieg tar-rikorrent u ta' impjegat iehor Reno Debono li dahal jahdem wara r-rikorrent.

Is-socjeta' intimata ppruvat tghin lir-rikorrenti jsib impjieg iehor f'kumpanija tal-*majority shareholder* Xakka Grill Ltd. Ir-rikorrent dan ma accettahx. Rigward Reno Debono, dan gie impjegat ma' Euro Style Ltd, kumpanija ohra tal-*majority shareholder*.

Ir-rikorrent iddikjara li Reno Debono mhux vera gie tterminat ghax baqa' jahdem fl-istess grupp ta' kumpaniji tal-*majority shareholder*. Illi ghaldaqstant Debono gie trasferit u mhux itterminat. Fil-fatt Debono beda jahdem ma' Euro Style Ltd, kumpanija ohra tal-ghamara izda fix-xhieda hareg li xoghlu kien fuq *maintenance* ma Xakka Grill Ltd, kumpanija ohra tal-*majority shareholder* li maghha gie offrut xoghol ir-rikorrent u li ma accettahx.

It-Tribunal innota li fid-dikjarazzjoni tal-kaz, ir-rikorrent tenna li gie terminat biss hu, meta hareg car mill-provi li anke Reno Debono gie terminat mar-rikorrent fl-istess data minn ma' Renova Company Ltd.

It-Tribunal irid jimxi skont il-ligi u wara li ezamina l-kaz bir-reqqa jaghraf li t-terminazzjoni tar-rikorrent saret skont il-ligi. Kull kumpanija kummercjali hija separata u distinta minn kumpaniji ohra li huma tal-*majority shareholder*. It-Tribunal innota s-suspetti tar-rikorrent rigward allegat manuvrar ta' kif rega' gie impjegat Reno Debono, izda ma jinnota l-ebda ksur tal-ligi.

Ghaldaqstant, mehuda in-konsiderazzjoni c-cirkustanzi kollha tal-kaz, ix-xhieda mismugha, id-dokumenti esebiti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, it-Tribunal qed jaghti ragun lis-socjeta' intimata li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent saret b'mod gust u skont il-ligi.

Ghal finijiet tal-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi drittijiet ta’ min assista l-partijiet, fl-ammont ta’ tlieta u disghin ewro u sbatax-il centezmu (€93.17).

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Iffirmat : Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**CHAIRMAN**

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja